

Malta

Il-prijoritajiet għal Malta jinkludu l-inkoraġġiment u l-iżvilupp ta' swieq għall-biedja organika u tiġdid ta' prodotti, kif ukoll it-titjib fir-rappurtar tad-*data* f'oqsma importanti bħalma huma l-iskart, it-trasport u l-kwalità ta' l-arja. L-isfidi ewlenin jirrigwardaw it-titjib fl-eżekuzzjoni ambjentali tas-setturi tat-trasport u ta' l-enerġija u tnaqqis fil-produzzjoni ta' l-iskart.

Gassijiet b'effett serra			Konsum ta' enerġija			Elettriku Rinnovabbli		Sustanzi aċidużi		Sustanzi li bit-taħsir tagħhom biddlu l-ożonu			Domanda għat-trasport tal-merkanzija			Biedja organika		Produzzjoni ta' skart tal-lokal			Użu ta' ilma ħelu	
Emissjonijiet/cap.	Emissjonijiet/GDP	Emissjonijiet DTT	Konsum/cap.	Konsum/DGP	Konsum	Sehem	Sehem	Emissjonijiet/cap.	Emissjonijiet DTT	Emissjonijiet/cap.	Emissjonijiet/GDP	Emissjonijiet DTT	Trasport ta' merkanzija/cap.	Trasport ta' merkanzija GDP	Trasport ta' merkanzija DTT	Sehem	Sehem	Skart tal-lokal	Skart tal-lokal	Skart tal-lokal DTT	Indiċi ta' l-utilizzazzjoni ta'	Indiċi ta' l-utilizzazzjoni ta'
STATUS	STATUS	PROGRESS	STATUS	STATUS	PROGRESS	STATUS	PROGRESS	STATUS	PROGRESS	STATUS	PROGRESS	PROGRESS	STATUS	STATUS	PROGRESS	STATUS	PROGRESS	STATUS	PROGRESS	PROGRESS	STATUS	PROGRESS

Emissjonijiet tal-gass b'effett serra

L-emissjonijiet tal-gassijiet ta' l-effett serra f'Malta huma relativament baxxi meta mqabbla mal-medja ta' l-UE, għalkemm għolew 44 % bejn l-1990 u l-2003.

Konsum ta' enerġija

Għalkemm il-konsum ta' enerġija jista' jkun relativament baxx fuq livell Ewropew, dan qiegħed jogħla. Bejn l-1990 u l-2002 il-konsum gross ta' enerġija f'Malta għola b'61 %. Żieda qawwija hija mistennija fl-2003 minħabba żieda fl-użu ta' arja kondizzjonata wara l-mewġa ta' sħana ta' l-2003. Iż-żieda intensa fl-enerġija tal-gżejjer kibret matul il-bidu tas-snin 2000 wara li kienet niżlet fl-aħħar tas-snin 1990.

Elettriku rinovabbli


Fil-kuntest ta' Malta, is-sehem li għandha l-enerġija rinnovabbli jibqa' baxx ħafna. Madankollu ser tiġi ppubblikata dalwaqt strateġija nazzjonali għall-enerġija rinnovabbli għall-konsultazzjoni mill-pubbliku, li tkun tipprovdi miri nazzjonali indikattivi f'kuntest ta' l-UE u turi il-mixja 'l quddiem għal Malta sabiex iżżid is-sehem ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fil-produzzjoni ta' enerġija.

Emissjonijiet ta' sustanzi aċidużi u sustanzi li bit-taħsir tagħhom biddlu l-ożonu

Filwaqt li *data* nazzjonali fuq kwantitajiet ta' emissjonijiet aċidużi u ożonu mhix disponibbli, *data* fuq konċentrazzjonijiet fis-sena 2004 tindika li il-kwistjonijiet ta' tħassib prinċipali huma partikuli u dijossidu tal-kubrit, u ossidu tan-nitroġenu f'ċerti meddjet urbani. Kawża oħra ta' tħassib hija l-importazzjoni transkonfinali ta' dijossidu tal-kubrit u l-ożonu. Kien hemm tnaqqis importanti fid-dijossidu tal-kubrit u konċentrazzjonijiet tal-benżin matul is-sena 2004 minħabba t-taħlita ta' fjuwil iktar nadifa.

Domanda għat-trasport tal-merkanzija

Filwaqt illi figuri nazzjonali ta' km għat-trasport tal-merkanzija mhumiex disponibbli, in-numru ta' vetturi fit-triq ikompli jikber, jirdoppja bejn is-snin 1986 u 2004. In-numru ta' vetturi per capita kien 0.7 fis-sena 2004. Rati għolja ta' trasport tal-merkanzija kkalkulati fuq skala Ewropea jistgħu jkunu relatati maċ-ċokon u l-lok periferali tal-gżira. Il-pajjiż jimporta ħafna mill-bżonnijiet tiegħu, li spiss ikunu jridu jivvjaġġaw distanzi twal minn ċentri ta' produzzjoni kontinentali.



Popolazzjoni: 399 000
Daqs: 320 km²
GDP: 3 095 million EUR

Malta

Medda ta' biedja organika

Is-sehem ta' art f'Malta li tintuża għall-biedja organika tibqa' relativament baxxa, madankollu f'dawn l-aħħar ftit snin kien hemm titjib u 0.09 % ta' l-art issa qiegħda għall-kultivazzjoni organika, bi 80 % ta' din iddikjarata.

Skart tal-lokal

L-ammont ta' skart tal-lokal ġġenerat per capita f'Malta huwa relativament għoli u qiegħed iżid. Il-kwantità ta' skart lokali ġġenerat żdied b'53 % bejn l-1996 u l-2004, madankollu sistemi ta' tmexxija qegħdin jitwaqqfu sabiex jinkoraġġixxu tnaqqis ta' skart, użu mill-ġdid u riċiklaġġ.

Użu ta' riżorsi ta' ilma ħelu

Billi hi bbażata fuq astrazzjoni ta' ilma, il-pożizzjoni ta' l-ilma f'Malta tidher favorevoli. Madankollu dan huwa minħabba l-fatt li l-astrazzjoni minn taħt l-art jammonta biss għal 56 % tal-produzzjoni — il-kumpliment jiġi minn desalinizzazzjoni. Dawn l-indikazzjonijiet ma jurux il-fatt li l-parti l-kbira tas-saff blat li jżomm fih ħafna ilma ta' Malta huwa preżentement imħaddem iż-żejjed u b'hekk jinsab taħt riskju. (Min: Malta State of the Environment Report, 2005).

Għall-aktar informazzjoni jekk joġġbok ikkuntattja lil punt fokali nazzjonali rilevanti. Id-dettalji jinsabu fuq:
http://org.eea.eu.int/organisation/nfp-eionet_group.html